**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**
**(Spettur Kurt Zahra)**

**vs**

**Tarek Khodir**

**Kumpilazzjoni Numru: 630/16**

**Illum, 1 ta' Dicembru, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Tarek Khodir detentur tal-karta tal-identita` numru 17395(M).

Akkuzat talli:

> Matul il-lejl ta` bejn it-03 ta` Ottubru 2016 u l-04 ta` Ottubru 2016 minn gewwa 'Cafe De Republic', li jinsab fi Triq Il-Kbira San Guzepp, Hamrun, flimkien ma persuni ohra ikkommetta serq ta` sigaretti li l-valur taghhom jammonta ghal 2831€, kif ukoll 800€ fi flus kontanti, ghad-detriment ta` Jonathan Pellegrini detentur ta` karta tal-identita` b` numru 173587(M) u/jew persuni u/jew entitatjiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-'mezz', 'bil-hin, u bil-'valur' li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (2,329.37 ewro).
>
> Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-ammont ta` elfejn u hames mitt euro (2500€), u saret ghad-dannu ta` British American Tobacco u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

U talli matul il-lejl ta` bejn is-17 ta` Novembru 2016 u t-18 ta` Novembru 2016 minn gewwa 'Mill Snack Bar', li jinsab fi Triq Leli Falzon, Naxxar, flimkien ma persuni ohra ikkommetta serq ta` sigaretti li l-valur taghhom jammonta ghal 2975.76€, kif ukoll 70€ fi flus kontanti, ghad-detriment ta` Christopher Micallef detentur ta` karta tal-identita` b` numru 181891(M) u/jew persuni u/jew entitatjiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-'mezz', 'bil-hin', u bil-'valur' li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (2,329.37 ewro).

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-ammont ta` elfejn u hames mitt euro (2500€), u saret ghad-dannu ta` British American Tobacco u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

U aktar talli ghamel reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta` liberta` kkundizzjonata, liema sentenza saret definittiva mill-Magistrat Dr. I. Farrugia LL.D. nhar it-12 ta` April 2016.

Rat id-dokumenti; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 270, 279(b) u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-istess imputat wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qieghda ssib lill-imputat Tarek Khodir hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante ammissjoni bikrija bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin u ghall-hames (5) akkuza kif dedotta kontrih qed tiddikjara illi s-sentenza hemm indiakta terga' tibda tiskorri mill-gdid.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Tarek Khodir ihallas is-somma ta' elfejn, seba' mija u tnejn u tletin Ewro (€2,732) fi zmien sitt xhur millum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

___________________________________
Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.
Magistrat